MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 798/1998/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**G. Grafics Co. Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex tghid ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' disgha mija u tmienja u ghoxrin lira u tlieta u disghin centezmu (Lm928.93) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 432969 (skond kif jirrizulta mill-statement anness mal-avviz Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond Corporate House, Triq Richard Taylor, l-Iklin u dana skond ma kif jidher mis-service agreement anness Dok B mal-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tal-11 ta’ Dicembru, 1997 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tas-socjeta’ konvenuta u li biha (fol 8 tal-atti) eccepiet bir-rispett:

1. l-linja telefonika de quo ma kienetx baqghet tigi uzata mis-socjeta konvenuta wara li l-istess socjeta konvenuta kienet irrinunzjat ghall-lokazzjoni tal-fond imsemmi fl-avviz.

2. dan il-fatt ta’ rinunzja tal-lokazzjoni u vvakar tal-fond de quo kien gie debitament notifikat lis-socjeta attrici, flimkien ma talba ghall-qtugh ta’ l-istess servizz liema qtugh tas-servizz ma sarx minhabba ragunijiet attribwibbli ghas-socjeta attrici li ma segwitx l-istruzzjonijiet moghtija lilha mis-socjeta konvenuta.

3. Salvi eccezzjonjijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, gew analizzati is-segwenti provi:-

a) skond id-dokument a fol 17 tal-atti, is-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma specifikata fl-avviz u dan ghall-perjodu li jmur bejn it-<u>13 ta’ Ottubru 1996 sat-2 ta’ Novembru 1997</u>, liema ammont hu dovut allegatament <u>b’lura</u>.

b) Mill-kopja tal-ftehim, legibbli, a fol 29 ibid jidher li s-socjeta konvenuta accettat li tikri u tigi stallata linja tat-“telephone” fil-post hemm msemmi u dan fl-14 ta’ Mejju 1996, liema linja kellha, bhala numru allokat 432969, kif hemm specifikat fl-avviz.

c) Jidher li kienet saret talba mis-socjeta konvenuta sabiex din il-linja, ossija servizz provdut fil-post imsemmi tinqata' u dan permezz ta' ittra fid-data tal-14 ta' Lulju 1997 skond kif risultanti mid-dokument a fol 36 tal-atti markat Dok Y (ara wkoll id-dokument fol 27 ibid).

d) George Galea (fol 22 et seq ibid) f'isem is-socjeta' konvenuta jsostni li din baqghet topera mill-post in kwistjoni sa madwar Gunju 1997. Hawnhekk, hu kien informa, telefonikament, lill-"business unit" dwar dan "sabiex jikkancellaw is-servizz mill-post in kwistjoni. Wara xi xahrejn minn din, hu kien mar personalment, ghand is-socjeta attrici u gie informat li kien hemm kont pendenti ta' madwar Lm900. Effettivament, kien ircieva l-kont madwar disa' xhur wara liema kont "gholi" kien jkopri l-1998.

e) Il-Prokuratur Legali Noel Xerri (fol 32 u 33 ibid) informa lill-Qorti illi, fis-7 ta' Awissu 1997, is-servizz provdut fil-fond in kwistjoni tpogga taht l'hekk imsejjha kategorija "Temporary out of service" minhabba nuqqas ta' hlas waqt li s-servizz tnehha definittivament matul Settembru 1997.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher li kien hemm talba sabiex jitnehha s-servizz tat-telefon in kwistjoni fl-14 ta' Lulju 1997 u dan permezz ta' ittra iffirmata minn sid il-post (ara d-dokument gja msemmi a fol 27).

Illi, mill-kont esebit in atti a fol 17, jidher li l-ammont pretiz fl-avviz jmur xi ftit oltre id-data ghat-talba sabiex jitnehha s-servizz ta' telefon. Filfatt l-ammont ta' Lm13 jirreferi ghal perjodu wara li saret din it-talba. L-istess ghandu jinghad in parte ghal dak pretiz in rigward il-perijodu qabel it-23 ta' Lulju 1997. Ghalhekk il-Qorti "arbitrio bono viri" qed tirriduci dan l-ammont b'Lm10.

Illi, ghalhekk, is-socjeta' konvenuta ghandha thallas lil dik attrici s-somma, hekk ridotta ta' Lm905.93,0.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik

attrici s-somma ta’ Lm905.93,0 bl-imghaxijiet legali mill-11 ta’ Dicmebru 1997 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes , inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta’ Dicembru 1997 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, dawn jithallsu kwantu ghal wiehed minn ghaxra (1/10) mis-socjeta attrici kwantu ghal disgha minn ghaxra (9/10) mis-socjeta konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------